MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2014

Numru. 1174/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Abubaker Omran Grein**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abubaker Omran Grein detentur tal-passaport Libyan bin-numru 517777.

Akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' Novembru 2014 ghall-habta ta' 01:30 hours gewwa Triq tal-Katidral, Sliema volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elfejn u hames mitt ewro (€2,500), imma huwa izjed minn mitejn u hamsin ewro (€250) ghad-detriment ta' Mario Cini detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 320660(M) u jew ta' persuni jew entitajiet ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C fejn tiprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Mario Cini detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 320660(M) u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat ukoll it-talba fejn f'kaz ta' htija, l-imsemmi Abubaker Omran Grein ihallas lil parti offiza dak l-ammont ta' flus li jista' jigi stabbilit mill-Qorti f'dik id-direttiva bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghad-danni jew hsara kagunati permezz tar-reat;

Rat id-dokumenti pprezentanti; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Abubaker Omran Grein hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------